Kumitat Amministrattiv Swatar.
Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida
Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

# MINUTI
# Kumitat Amministrattiv Swatar.

## Laqgħa Numru 28
## It-Tnejn 13 ta' Frar 2017

Il-Kumitat Amministrattiv Swatar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab Fil-Binja tal-Kunsill Lokali tal-Imsida fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-6.00p.m.

### Preżenti:

Matthew Mangion

Emanuel Galea

Owen Patrick Attard

Deborah Galea

### Assenti b'apoloġija (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jimmy Zahra għal raġunijiet ta' xogħol

### Assenti

### Uffiċjal preżenti:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Ic-Chair Person Matthew Mangion ippresieda l-laqgħa.

### 28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

28.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ppreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija.
Is-Sur Jimmy Zahra talab li jkun skużat minħabba raġunijiet relatati ma' xogħol

### 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

28.2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ppreżenta il-minuti ta' Seduta Nru 27 u ttieħdu bħala moqrija.

28.2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ta' tgħarraf dwar żviluppi mil-punti mqajma fil-laqgħa 27 u wieġeb għal xi mistoqsijiet tal-membri..

28.2.03 Dwar il-bozza fi Triq Ġorġ Borg Birkirkara saret korrispondenza lis-Segretarju Eźekuttiv Birkirkara ħalli jekk jistgħu japplikaw.

28.2.0 Dwar proposta ta' pjan dwar il-playing field fis-Swatar Il-Proposta ġiet preżentata fil-laqgħa L7-53 tal-Kunsill Lokali L-Imsida u ġiet approvata

28.2.05 Dwar CCTV Kameras go Triq Is-Sisla Saret korrispondenza lis-Segretarju Eźekuttiv Birkirkara u ħadna tweġiba li il-kamera hija portabbli u tpoġġiet diversi drabi.Il-problema hija li meta jiġu biex jidentifikaw huma jeħlu għax hemm ħafna stranġieri u jistgħu iwasslu rapport ċert lill-LESA meta jidentifikaw in-number plate.

28.2.06 Dwar l-arblu tad-dawl fejn il-Bring in Site go Daħlet is-Swatar. Is-Segretarju Eźekuttiv iċċekkja u sab li l-applikazzjoni li kien hemm kienet fuq shifting ta 'dawl ieħor viċin tas-sit msemmi.Itiehed ritratt ta -arblu li ġa qiegħed fil-post u Il-Kunsill Lokali l-Imsida għamel applikazzjoni biex dan issir.

28.2.07 Dwar ilmenti mill-membri tal-Kumitat Amministrattiv fejn fl-ahhar ġimghat twasslu numru ta'talbiet u dawn ġew mgħotija attenzjoni xierqa u fejn kien hemm bżonn ġew mgħoddija lill-Kunsill Lokali ta'Birkirkara fejn fost oħrajn saru talbiet lill-MEPA għal infurzar.

28.2.08 Saret korrezzjoni u il-minuti ġew approvati unanimament.

### 28.3 Komunikazzjoni mic-Chair Person;

28.3.01 Ic-Chair Person Matthew Mangion preżenta korrispondenza li tittratta dwar id-disinn ta' Stemma li ġiet preparata għal Kumittat Aministrativ Swatar liema dokument huwa anness mal minuti
saret diskussjoni fejn il membri taw il-fehma tagħhom u wrew l' stess opinjoni li din ma tiriflettix dak deskritt fid- dokument u ma tantx tirrifletti il-vera Swatar.

Qal li din tant ilha ġejja li nesa meta din kellha bidu u talab biex nistaqsu lil Aġent Segretarju Eźekuttiv ta' dak iż-żmien biex jagħti ħjiel ta' kif kien applika.

Is-Segretarju EżekuttivAlan VellaHa nota biex jiċċekkja u se jgħarraf lill-membri fis-seduta li imiss qabel jagħtu risposta

## 28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-membri;

28.4.01 il-Vici Chairperson Deborah Galea Staqsiet fhiex waslu il-pjani ta'Traffik manegment u jekk kienx hemm xi żviluppi
Ic-Chair Person Matthew Mangion wieġeb li kienet pjanata laqgħa publika mill-kunsill lokali ta' Birkirkara u staqsa jekk kienx hemm xi haġa min naħa tal- kunsill lokali Msida.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wieġeb li ċċekkja mas Sindku tal-Msida iżda sa issa kull ma' kien hemm diskussjoni u sugerimenti mal perit.
Is-Sur Owen Patrick Attard staqsa dwar il-laqgħa ta'Birkirkara jekk saritx
Ic-Chair Person Matthew Mangion qal li din kellha ssir fit-13 ta Jannar{ }

{Żied} :Il-Kumitat Amministrattiv Swatar ma ha l-ebda stedina uffiċjali biex iattendi.

Il-membri prezenti iddiskutew dwar bżonn issir laqgħa konsultattiva maż-żewġ kunsilli u il-periti biex ikun jista jiġu ċċarati il-pjani maħsuba li hemm bzon ikunu coordinati 'mod olistiku u jekk ikun possibbli għanda tiġi inkluża Trasport Malta fir-rigward ta'dħul u ħruġ mis-Swatar.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li ha jara kif issib u jilqagħha lill-kulħadd f'daqqa ħalli ssir diskussjoni waħda.

28.4.02 Is-Sur Owen Patrick Attard staqsa dwar il-laqgħa għar-residenti tas-Swatar jekk u meta ha ssir u dwar ġieh is-Swatar.
Ic-Chair Person Matthew Mangion spjega li mill-esperjenza ta' qabel għadu ma jafx kemm għadx hemm bżonn issir ċertu xogħol fuq ġieh is-Swatar meta tqies lahhar darba li din saret lanqas biss gie nuttata mir-residenti.Hawn spjega li din kienet parti min attivita ohra fejn suppost kellha igib sens ta' ghaqda u partecipazjoni.

Il-membri prezenti diskutew dwar is-sugett u sar qbil li kulhadd ghandu jirifletti u jaghti il hsibijiet tieghu dwar x jista jigi organizzat fis-seduta li imiss.

## 28.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv li jkunu meħtieġa;

28.5.01 Ma' kienx hemm punti ohra.

## 28.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

28.6.01 Il-laqgħa intemmet 20:00 ta' filgħaxija ġiet aġġornata għat Tnejn 13 ta'Marzu 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 23 ta' Marzu 2017

IFFIRMATA

Matthew Mangion
Chairperson

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv